**KUNSILLLOKALI NADUR**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**Għaxar (10) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Ħdax (11)**

**L-Erbgħa 19 ta' Frar 2025**

**Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-1:00 p.m.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Rebecca Vella | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**11.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kienet skużat l- Ambaxxatur taż-żgħażagħ, Kaitlyn Vella.

11.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku beda billi rringrazzja tal-kooperazzjoni kollha li qed isib mill-Kunsilliera kollha mingħajr l-ebda issues ta' politika izda għal l-interess tal-Kunsill.

Il-Minuti tad-Disa' laqgħa (9) tal-Gimgħa 10 ta' Jannar u l-għaxar (10) laqgħa b'urgenza tat-Tnejn 27 ta' Jannar ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 9 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Rebecca Vella u Sekondant- Eucharist Camilleri.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**11.3.** Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank u l-compliance audit.

Daħlu fondi tal-Halloween, il-girja u il-presepji.

Tħallsu d-deposit fuq Cicciano li imbgħad ser jidħlu refund lura mill-pagamenti tan-nies.

Irridu nibdew il-claim tal-Milied.

Ser titħallas il-membership GAGF.

Garages: Peress li l-Kunsill ma għandux garage tiegħu, ingabru kwotazzjonijiet sa Diċembru 2025 u tressqu quddiem il-Kunsill, u intghazlu l-irħas biex ikollna wieħed qrib il-Kunsill għad-day-to-day (Triq Said – Carmel Falzon) u ieħor aktar imbieged għall-armar (Triq Emigranti – Maryann Cauchi). Is-sid tal-garage fi Triq l-Emigranti tablet l-ammont ta'of 2,920 euro minn 1 ta' Marzu 2025 sa Diċembru 2025. Is-Sid għamlet ukoll remarka li ser titnizzel fil-Kuntratt li ma tridx ħlas għax xhur li ma kienx qed jintuza Settembru-Diċembru 2024 u Jannar- Frar 2025. Is-Sid tal-garage fi Triq it-

Tramuntana talab l-ammont ta' 4,250 minn 1 ta' April 2025 sa Diċembru 2025. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv innotat li skeda numru 5 trid tiġi emendat pagna 1- linja 1. Trid tkun Jason Mizzi minflokk D illumination. Kien hemm qbil fuq dan peress li inkitbet hekk bi żball.

11.4 Unaudited financial statements 2024;

Kienet prezenti l-Accountant tal-Kunsill għal din il-laqgħa. Hi pprezentat update tas-sitwazzjoni finanzjara tal-Kunsill u spjegat fid-dettal. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsilliera prezenti approvaw l-unaudited Financial Statements 2024. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi ukoll il-Quarterly Reports Ottubru-Diċembru 2024 u l-Budget 2025. Il-Kunsilliera approvaw kemm l-Unaudited FS 2024, il-Quarterly Reports Oct-Dec 2024 kif ukoll l-Budget 2025.

**11.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

*Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.*

- Sindku :- Dawl fi Triq tad-Duru (dan irid isir dawl fil-belvedere), Jitranġa bidu ta' sqaq fi Triq ir-Ramla, Sement ma' bankini f'diversi toroq, Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma,  Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi ta' San Blas,  Rampa biex titranga fi Triq San Gakbu, Give way fi Triq Daħlet Qorrot, Arbli ġodda ta' l-iskola, Pilastru tal-ġebel f'Daħlet Qorrot.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILLLOKALI NADUR**

- Viċi Sindku :- Niktbu rigward is-servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin, Yellow lines fi Triq Daħlet Qorrot, ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, Sinjali fi Triq Bingemma.

- Avv.Rebecca Vella :- Speed limits fi Triq il-Qortin.

- Eucharist Camilleri :-Sinjali fi Triq San Koronatu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma, Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma u l-qasma ta' ħdejn iċ-ċimiterju.

Updates mill-Kunsilliera:

Sindku:

- Is-Sindku ta update fuq Traffic Management u skema tat-TM li ġiet approvata. Il-Kunsill għandu laqgħa ma' TM fis-27 ta' Frar fuq Traffic management.
- Is-Sindku u l-Kunsillier Eucharist Camilleri taw update fuq is-servizz tas-Saħħa. Il-Kunsillier Eucharist Camilleri ser jerġa jitkellem ma' l-Arċipriet fuq post.
- Is-Sindku ta' update fuq CCTV's.
- Ħargiet Kulturali Anzjani- Ser tiġi pjanata l-ħarġa ta' Marzu.
- Ċirkulari - *Info chat whatsapp* b'informazzjoni għar-residenti, Teens Group u Kunsill tat-Tfal. Il-Kunsilliera Rebecca Vella ser tidħol online għal Kors flimkien ma' Megan Portelli.
- Update - Winter Courses- dawn mhux ser isiru peress li ma kienx hemm biżżejjed applikanti.
- Update dwar nuċċalijiet għal Guatemala. Franco Mercieca irringrazzja lil Kunsill.
- Update – Triq Xandriku x-xogħol kollu minn naħa tagħom WSC u MGP.
- Update – Railings Triq Rabat ser isiru minn naħa MGP sa l-aħħar ta' Frar.
- Update – EU funding għal Ġnien il- Kunsill. Ser jiġu installati slide u bandi fil-Ġnien u ser isir *railings* miċ-Ċentru Parrokkjali u timpani *drums* għas-Soċjeta Filarmonika Mnarja.
- Update – Latrina San Blas. Qed nistennew l-approval era minħabba sigar.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Attivita Car Show fit-23 ta' Marzu.
- Press Conference Rural Roads. Din ser isir fil-11 ta' Marzu.

Kevin Curmi:

- Ta update fuq Instagram tal-Kunsill li infetaħ għal pubbliku biex ikun infurmat.
- Update fuq youth exchange fin-Nadur. Il-Kunsill ser joffri sala u lunch.
- Region of Culture- 5k fuq attivita' li diġa qed isir.
- EU funds qed nistennew risposta fuq l-applikazzjoni tal-ġemillaġġi.

Dr. Rebecca Vella

- Sala ta' l-iskola Primarja tan-Nadur tinkera.

Eucharist Camilleri

- Ta update fuq ic-Charter – Luxembourg 3-7 ta' lulju 2025.
- Ta update fuq it-Torri Sopu – Historical talk and walk.

Jean Paul Portelli

- Ta update fuq il- Wirja Agrarja 2025.

11.6 Korrispondenza

- Skola Primarja – kollaborazzjoni fil-carnival party. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-magician bl-ammont ta' 200 euro.

**KUNSILLLOKALI NADUR**

- Talba NTYC għal kollaborazzjoni f'Jum iz-zgħazagħ. Ser tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjin. Kien hemm qbil ukoll li bnadar mhux ser jkun hemm bzonn għall-irxoxt peress li staqsew fuqha.
- Talba għal laqgħa mingħand Nadur Youngsters rigward re-establishment ta' l-area fejn il-ground. Kien hemm qbil li wara l-Karnival tissejjaħ laqgħa mal-Kumitat fuq din l-issue u wara laqgħa ma' MGOZ.
- Lease agreement Devolution tal-ground tal-futbol (ta' Truppu area). Kien hemm qbil li jiġi iffirmat.
- Charter Stary – Kien hemm qbil li l-Kunsill isib grupp ta 7 persuni li jirrapprezentaw b'mod uffiċjali lin-Nadur u Malta f'dan ic-Charter. Jekk jattendi is-Segretarju Ezekuttiv, il-flight ikun kopert skond iċ-Ċirkulari.
- *Vintage Bus Show* f'Mejju 2025- kien hemm qbil.
- Inċident fi Triq ta Xhajma u ksur ta' arblu u bozza. Is-Segretarja ser tkellem lil Pulizija u l-kuntrattur fuq stima ta' spejjez tal-bozza u arblu biex jitħallsu mill-assigurazzjoni tal-persuna li ħabtet.
- Fort Chambray – Email mingħand ir-Regjun- Il-Kunsillier Eucharist Camilleri innota li hu jħoss li l-Kunsill tan-Nadur sab appoġġ mingħand il-Kunsilli kollha fil-każ tar-reġistrazzjoni tal-artijiet fin-Nadur. Il-Viċi Sindku, Kevin Curmi ressaq mozzjoni fid-dawl ta' dan li nappoġġjaw din il-pożizzjoni tal-Kunsill ta' Għajnsielem – *Emergency Conservation Order British Barracks Fort Chambray to be safeguarded*- biex ngħatu lil Regjun ta' Għawdex risposta fuq pożizzjoni tal-Kunsilli Għawdxin. F'kaz li jintallab il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur diretta trid terġa tiġi diskussa fil-Kunsill. Is-Sindku issekonda l-Mozzjoni, Eucharist Camilleri u Kevin Curmi favur. Rebecca Vella u Jean Paul Portelli astjenew.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Talba għal no objection lil MGOZ għal fire works festival li ser issir minnhom fil-Ġnien il-Kunsill- Kien hemm qbil.

11.7 Offerti Pubblici.

Offerta Tal-playing field tal-Ħali (Slide) –Qed nistennew risposta mingħand DPF rigward fondi għal foam. Kien hemm qbil li meta jkun hemm konferma minn naħa ta'DPF jingħata l-offerta.

Offerta – NLC/02/2025- Supply and installation of a multi play slide and two set of swings for Gnien il-Kunsill playground – next gen. Rejuvenating Nadur for young generations - Procurement tgħalaq daqt u kien hemm qbil li isir laqgħa b'urgenza biex tintgħazel offerta wara li jiltaqa' l-board. Kien hemm qbil li l-membri tal-board jkunu:-

Sue-Ellen Bugeja, William Sultana, Dr Joshua Grech, Ing. Mario Cauchi u l-Perit Edward Scerri.

Kien hemm qbil li dan il-board jintuzaw ukoll għal l-offerta tal-Ħali ukoll u offerti oħrajn.

Kuntratt Bulky Refuse – Ser jibda l-Kuntrattur l-ġdid f'April 2025.

9.7 Progetti u skemi:

SPI/SCI/4/2023 Skema Finanzjarja-Komunitajiet Aktar Siguri u Orġanizzati – x-xogħol lest.

Skema LESA (Latrina San Blas) – Ix-Xogħol ser jibda.

SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Qiegħed fl-istadju tal-Procurement u qed nistennew minn naħa ta' DPF.

Skema Restawr – Il-Kunsill qed jistenna risposta.

EU Funds – GAGF – Rejuvination – Qiegħed fl-istadju tal-Procurement.

EU Funds – Twinning – Qed nistennew risposta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Skema TM- l-applikazzjoni ġiet approvata.

Skema Milied u Karnival – isiru l-attivitajiet tal-Karnival.

SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 /2026- Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għal Karnival Spontanju 2026.

SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 – Kien hemm qbil unanimu li napplikaw ghal Clean Up f'Settembru u Open Day, li fihom isir ukoll awareness u jitqassmu boroz tar-riċiklaġġ. Din issir flimkien ma Nadur Nadif.

SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 – Kien hemm qbil unanimu li napplikaw għal l-attivitajiet tal-Milied u tizjien toroq.

Il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella ser tkun tgħin f'dawn l-iskemi.

9.8 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:

Karnival:

- Programm Karnival organizzat – Dan lest u ġie finalizzat.
- Live stream tal-Karnival orġanizzat – l-ammont ta' sponsors kien ta'suċċess.
- Ġie diskuss il-way forward għal karnival spontanju. Filgħodu kien hemm laqgħa mall-pulizija. Il-Kunsill jibqa jgħin biex jikkontrolla u mhux jorganizza l-Karnival Spontanju.
- Registrazzjoni karrijiet u vetturi- għalissa mhux ser nitolbu firem.
- G7 – Ser ninfurmawhom li ma jistgħux jagħmlu reklamar u tkun ghazla tagħhom jekk jiġux.
- Ingabru l-kwotazzjonijiet u intgħazlu l-orħos bi qbil unanimu: Dawl D Illumination, Sound system Chris Sciortino u Jason Mizzi u Roland Saliba, Mobile Toilets Joseph

Refalo, Scaffoldings Xmun Projects, Security -Security First, Indafa- Joseph Magro u Jake Magro u Bulky- Maria Magro.

Mnarja:

- Il-Viċi Sindku ta update fuq il-granet tal-attivitajiet u kien hemm suggeriment mill-Kumitat ta' l-Imnarja li jinbiddżel titlu 'Wirja Agrarja' għal 'Wirja ta' l-Imnarja'. Għalissa ser tibqa hekk u tergaħ tiġi diskussa. L-attivita' tat-tfal ser tkun fis-19 ta' Gunju u l-ikla tradizzjonali 25 ta' Gunju. Rigward kollaborazzjoni ser tiġi diskussa.

Summer Courses – Ser taħdem fuqhom il-Kunsilliera Rebecca Vella.

Region of Culture – Ser isir laqgħa illum stress fuqha li ser jattendi l-Viċi u s-Sindku. L-ammont ser ikun ta' 5k fuq attivita' li diġa' eżistenti. Kien hemm diskussjoni fuqha u ser terġa' tiġi diskussa.

11.10 . Materji Ohra:

- 25 sena Gemellagg ma Cicciano – daqt ser jinħareġ ir-reklam. Grupp ser ikun ta' 105 u dati mit-13-17 ta' Novembru 2025. Kien hemm qbil fuq dan kollu u kien hemm qbil ukoll li ghal din is-safra li tfakkar il-25 sena gemellagg, jattendu l-Kunsilliera, Sindku u Segretarju Ezekuttiv u l-ispejjez jigu koperti skond ic-Cirkulari.

- Baveno group fin-Nadur waqt l-Mnarja – Kien hemm qbil li l-Kunsill jospita b'ikla tradizzjonali u transport ghal dakinhar.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILLLOKALI NADUR**

Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;

9.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-

- Talba għal mera ġdida fi Triq Grunju.
- Jitkompla ċint bil-kantuni fi Triq Għajn Qasab.
- Talba għal ftit sement mal-ħajt fin-nizla tal-Bajja ta' San Blas.
- Talba għal ftit xogħol fuq ħajt tas-sejjieħ fi Triq il-Buskett.
- Talba għar-rampa ġdida fi Triq Rakela Camilleri.
- Talba biex titranga bankina u tappiera fi Triq Diċembru 13.
- Talba biex jitranga ħajt tal-kantun fi Triq Duru.
- Talba biex titranga bankina fi Triq Ħanaq.
- Talba biex titranga bankina fi Triq San Koronatu.
- Talba biex titranga bankina fi Triq San Blas.
- Talba biex jeħlu xi tabelli taz-zibel u ħmieg tal-klieb.

11.10.2. Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi –.

- Talba biex tinbiddel siġra fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Inriedu naraw ma' ERA.
- Sqaq San Gakbu biex ikollhom numru-Is-Sindku innota li din hija kumplessa u mhux faċċli li isir.
- Talba għal double yellow line fi Triq Xandriku- bgħatna lil TM fuqha.
- Trailer ta' Kenuna – Is-Sindku innota li jrid jitkellem hu mal-pulizija.
- Study area fil-librerija waqt l-ezamijiet. Kien hemm qbil.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

- Dwal fil-Belvedere tad-Duru- Is-Sindku innota li ser isiru low lights fil-futur għax ga għaddiet fil-laqgħat ta' ilu.
- Mgarr Road l-*island* biex titranga.
- Picnic Table fi Ġnien San Blas. Kien hemm qbil li isir wara proġett tal-latrina.
- Re-painting u tabelli fejn hemm bzonn.
- Cat café – in memory għal persuna li kienet tistinka għal qtates. Kien hemm qbil.

11.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsilliera Avv. Rebecca Vella:-

- Talba għal patching u qtugħ ta' ħaxix fi Triq San Guzepp.

11.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri-

- Talba biex titranga xibka tal-grawnd.
- Titranga tappiera fi Triq Diċembru 13.
- Talba biex titranga Triq DC Cocco Palmeri.

11.10.5. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli-

- Qtugħ tal-ħaxix tal-monument tal-Karnival
- Talba biex titranga bankina u rampa fi Triq Grunju.

**11.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fl-4:30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**KUNSILLLOKALI NADUR**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva